UNJONI EWROPEA

IL- PARLAMENT EWROPEW **IL-KUNSILL**

Strasburgu, 6 ta' Settembru 2006
(OR. en)

2003/0297 (COD)
LEX 704

PE-CONS 3612/2/06
REV 2

ENER 131
RELEX 244
CODEC 365

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

LI TISTABBILIXXI LINJI GWIDA GĦAL *NETWORKS*

TA' L-ENERĠIJA TRANS-EWROPEJ U

LI TĦASSAR ID-DEĊIŻJONI 96/391/KE

U D-DEĊIŻJONI NRU 1229/2003/KE

DEĊIŻJONI NRU 2006/.../KE
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-6 ta' Settembru 2006

li tistabbilixxi linji gwida għal *networks* ta' l-enerġija trans-Ewropej u li tħassar id-Deċiżjoni 96/391/KE u d-Deċiżjoni Nru 1229/2003/KE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 156 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat[2],

---

1 ĠU C 241, 28.9.2004, p. 17.

2 Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2005 (ĠU C 124 E, 25.5.2006, p. 68). Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' l-1 ta' Diċembru 2005 (ĠU C 80 E, 4.4.2006, p. 1). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-4 ta' April 2006, u d-Deċiżjoni ta' l-24 ta' Lulju 2006.

Billi:

(1) Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1229/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 li tistabbilixxi serje ta' linji gwida għan-*networks* trans-Ewropej ta' enerġija[1], *inħoloq* il-bżonn li l-Istati Membri ġodda, u l-pajjiżi aderenti u l-pajjiżi kandidati jkunu integrati bi sħiħ f'dawk il-linji gwida u li l-linji gwida jkomplu jkunu adattati, kif xieraq, għall-politika ġdida ta' viċinanza ta' l-Unjoni Ewropea.

(2) Il-prijoritajiet għan-*networks* trans-Ewropej ta' l-enerġija jemanaw mill-ħolqien ta' suq intern fl-enerġija aktar miftuħ u aktar kompetittiv b'riżultat ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar regoli komuni għas-suq intern fil-qasam ta' l-elettriku[2] u tad-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali[3]. Dawk il-prijoritajiet jirriflettu l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Stokkolma tat-23 u l-24 ta' Marzu 2001 dwar l-iżvilupp ta' l-infrastruttura meħtieġa għall-*funzjonament* tas-suq fl-enerġija. Għandu jsir sforz speċjali sabiex jintlaħaq l-għan li jintużaw aktar sorsi ta' enerġija rinnovabbli bħala kontribuzzjoni għat-titjib ta' politika ta' żvilupp sostenibbli. Madanakollu, dan *l-għan* għandu jintlaħaq mingħajr ma jinħoloq tfixkil sproporzjonat fil-bilanċ normali tas-suq. Għandhom jitqiesu bis-sħiħ wkoll l-għanijiet tal-politika tal-Komunità rigward it-trasport u b'mod speċifiku l-possibbiltà li jitnaqqas it-traffiku fuq it-toroq permezz ta' sistemi ta' *pipelines*.

---

1 ĠU L 176, 15.7.2003, p. 11.

2 ĠU L 176, 15.7.2003, p. 37. Direttiva kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2004/85/KE (ĠU L 236, 7.7.2004, p. 10).

3 ĠU L 176, 15.7.2003, p. 57.

(3) Din id-Deċiżjoni sservi sabiex jitqarreb l-għan tal-livell ta' interkonnessjoni fl-elettriku bejn Stati Membri li kien miftiehem fil-Kunsill Ewropew ta' Barċellona tal-15 u s-16 ta' Marzu 2002, u għalhekk sabiex tittejjeb il-kredibbiltà u l-integrità tan-*network* u tiżgura s-sigurtà tal-provvista u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

(4) Bħala regola, l-bini u l-manutenzjoni ta' l-infrastruttura ta' l-enerġija għandhom ikunu suġġetti għall-prinċipji tas-suq. Dan huwa wkoll konformement mar-regoli komuni għall-ikkompletar tas-suq intern fl-enerġija u r-regoli komuni dwar il-liġi tal-kompetizzjoni li l-għan tagħhom huwa li jinħoloq suq intern fl-enerġija dejjem aktar miftuħ u kompetittiv. Għaldaqstant, l-għajnuna finanzjarja mill-Komunità għall-bini u l-manutenzjoni għandha tibqa' xi ħaġa eċċezzjonali ħafna, u tali eċċezzjonijiet għandhom ikunu ġustifikati kif dovut.

(5) L-infrastruttura ta' l-enerġija għandha tinbena u tinżamm b'mod tali li tippermetti li s-suq intern ta' l-enerġija jiffunzjona b'mod effiċjenti, u dan b'rispett xieraq tal-proċeduri eżistenti għall-konsultazzjoni mal-persuni milquta, u mingħajr ma jnaqqas mill-kriterji ta' servizz strateġiċi u, fejn meħtieġa, universali u mill-obbligi ta' servizz pubbliku.

(6) Fid-dawl tas-sinerġiji potenzjali bejn in-*networks* tal-gass naturali u n-*networks* ta' l-olefin, għandha tingħata l-importanza dovuta għall-iżvilupp u l-integrazzjoni ta' *networks* ta' l-olefin sabiex ikunu sodisfatti l-bżonnijiet tal-konsum tal-gass ta' l-olefin mill-industriji fil-Komunità.

(7) Il-prijoritajiet għan-*networks* trans-Ewropej ta' l-enerġija jemanaw ukoll mill-importanza, li dejjem qiegħda tikber, tan-*networks* trans-Ewropej ta' l-enerġija għas-sigurtà u għad-diversifikazzjoni tal-provvisti ta' enerġija tal-Komunità, għall-inkorporazzjoni tan-*networks* ta' l-enerġija ta' l-Istati Membri l-ġodda u tal-pajjiżi aderenti u kandidati, u għall-assigurazzjoni ta' l-operazzjoni koordinata tan-*networks* ta' l-enerġija fil-Komunità u fil-pajjiżi ġirien wara konsultazzjoni ma' l-Istati Membri konċernati. Fil-fatt, il-pajjiżi ġirien tal-Komunità għandhom rwol vitali fil-politika dwar l-enerġija. Huma jfornu l-parti l-kbira tal-ħtiġiet tal-Komunità għal gass naturali, huma sieħba kruċjali għat-tranżitu ta' enerġija primarja lejn il-Komunità u, b'mod progressiv se jsiru atturi aktar importanti fis-swieq interni tal-gass u l-elettriku.

(8) Fost il-proġetti li jirrelataw ma' *networks* ta' l-enerġija trans-Ewropej, huwa neċessarju li jiġu enfasizzati l-proġetti prijoritarji, li huma importanti ħafna għall-funzjonament tas-suq intern ta' l-enerġija jew għas-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija. ***Minbarra dan, huwa kunsiljabbli li tiġi stabbilita Dikjarazzjoni ta' Interess Ewropew għal dawk il-proġetti li jingħataw l-ogħla prijorità, kif ukoll aktar koordinazzjoni, fejn ikun il-każ.***

(9) Għall-iskop tal-ġbir ta' informazzjoni meħtieġa skond din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom, safejn ikun possibbli, jużaw informazzjoni, li hija diġa disponibbli, dwar proġetti li jiġu dikjarati bħala proġetti ta' interess Ewropew, sabiex jevitaw id-duplikazzjoni ta' l-isforzi. Per eżempju, din l-informazzjoni tista' tkun diġà disponibbli fil-kuntest tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta' Settembru 1995 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja tal-Komunità fil-qasam tan-networks trans-Ewropej[1], fil-kuntest ta' leġiżlazzjoni Komunitarja oħra li tista tipprovdi kofinanzjament ta' proġetti ta' networks trans-Ewropej u tad-deċiżjonijiet li japprovaw proġetti individwali skond tali leġiżlazzjoni, jew fil-kuntest tad-Direttivi 2003/54/KE u 2003/55/KE.

(10) Il-proċedura għall-identifikazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni fil-kuntest ta' *networks* ta' l-enerġija trans-Ewropej għandha tiżgura l-applikazzjoni bla ostakli tar-Regolament (KE) Nru 2236/95. Dik il-proċedura għandha tiddistingwi bejn żewġ livelli: l-ewwel livell li jistabbilixxi numru ristrett ta' kriterji għall-identifikazzjoni ta' tali proġetti, u t-tieni livell li jiddeskrivi l-proġetti fid-dettal, imsejħa "speċifikazzjonijiet".

(11) Għandha tingħata prijorità ***xierqa*** lill-finanzjament taħt ir-Regolament (KE) Nru 2236/95 fir-rigward ta' proġetti ***dikjarati bħala proġetti*** ta' interess Ewropew. ***L-Istati Membri, meta jippreżentaw proġetti taħt strumenti finanzjarji Komunitarji oħra, għandhom*** jagħtu ***attenzjoni partikulari lill-proġetti dikjarati bħala proġetti ta' interess Ewropew.***

---

[1] ***ĠU L 228, 23.9.1995, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1159/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 22.7.2005, p. 16).***

(12) Għall-biċċa l-kbira mill-proġetti dikjarati bħala proġetti ta' interess Ewropew, dak li huwa meqjus bħala dewmien sinifikattiv attwali jew prospettiv jista' jkun dewmien mistenni li jestendi minn sena sa sentejn.

(13) ***Ladarba*** l-ispeċifikazzjonijiet tal-proġetti jistgħu jinbidlu, jistgħu jingħataw biss b'mod indikattiv. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li taġġornahom. Billi l-proġetti jista' jkollhom implikazzjonijiet politiċi, ambjentali u ekonomiċi konsiderevoli, huwa importanti li jinstab bilanċ xieraq bejn sorveljanza leġislattiva u flessibbiltà fl-istabbiliment ta' proġetti li jistħoqqilhom sostenn Komunitarju ***potenzjali.***

(14) ***Fejn*** proġetti ***li jiġu dikjarati bħala proġetti*** ta' ***interess Ewropew***, taqsimiet ***ta'*** tali proġetti, jew gruppi ta' tali proġetti ***jiltaqgħu ma' diffikultajiet ta' implementazzjoni, koordinatur Ewropew jista' jagħmilha ta' medjatur billi jinkoraġġixxi*** l-koperazzjoni ***bejn il-partijiet kollha konċernati, u billi jiżgura*** li jsir monitoraġġ ***xieraq*** sabiex il-Komunità tinżamm informata dwar il-progress. ***Is-servizzi ta' koordinatur Ewropew għandhom isiru disponibbli wkoll għal proġetti oħra, fuq talba mill-Istati Membri konċernati***.

(15) Jeħtieġ li l-Istati Membri jkunu mistiedna li jikkordinaw l-implementazzjoni ta' ċerti proġetti, b'mod partikolari l-proġetti trans-konfinali jew taqsimiet ta' proġetti trans-konfinali.

(16) Għandu jinħoloq kuntest aktar favorevoli għall-iżvilupp u l-bini ta' *networks* trans-Ewropej ta' l-enerġija, prinċipalment billi jkun provdut stimulu għal koperazzjoni teknika bejn l-entitajiet responsabbli għan-*networks*, permezz tal-faċilitazzjoni ta' l-implementazzjoni ta' proċeduri ta' awtorizzazzjoni applikati għal proġetti ta' *networks* fl-Istati Membri sabiex jitnaqqas id-dewmien u permezz ta' użu xieraq ta' dawk il-fondi, strumenti u programmi finanzjarji tal-Komunità disponibbli għal proġetti ta' *networks*. Jeħtieġ li l-Komunità tappoġġa l-miżuri meħuda mill-Istati Membri sabiex jintlaħaq dak il-għan.

(17) Minħabba li l-baġit allokat għan-*networks* trans-Ewropej ta' l-enerġija huwa maħsub prinċipalment sabiex jiffinanza studji ta' fattibbiltà, ikunu l-Fondi Strutturali, programmi u strumenti finanzjarji tal-Komunità li jippermettu, jekk ikun meħtieġ, li jkunu provduti fondi għal tali *networks* ta' interkonnessjoni, b'mod partikolari għal dawk interreġjonali.

(18) L-identifikazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni, l-ispeċifikazzjonijiet tagħhom u proġetti prijoritarji, ***b'mod partikulari dawk ta' interess Ewropew,*** m'għandhiex tippreġudika r-riżultati ta' l-istima ta' l-impatt fuq l-ambjent tal-proġetti, tal-pjanijiet jew programmi.

(19) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implementazzjoni konferiti lill-Kummissjoni[1].

---

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

(20) Il-Kummissjoni għandha perjodikament tħejji rapporti dwar l-implementazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(21) L-informazzjoni li tiġi skambjata jew mogħtija lill-Kummissjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni aktarx tinżamm, fil-parti l-kbira tagħha, minn kumpanniji. Għalhekk, jista' jkun il-każ li l-Istati Membri jkollhom jikkoperaw ma' dawn il-kumpanniji sabiex ***tinkiseb din l-informazzjoni.***

(22) Ladarba din id-Deċiżjoni tkopri l-istess suġġett u l-istess ambitu bħad-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/391/KE tat-28 ta' Marzu 1996 li tippreskrivi serje ta' miżuri għall-ħolqien ta' kuntest aktar favorevoli għall-iżvilupp ta' *networks* trans-Ewropej fis-settur ta' l-enerġija[1], u d-Deċiżjoni Nru 1229/2003/KE, dawk iż-żewġ Deċiżjonijiet għandhom jiġu mħassra,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tiddefinixxi n-natura u l-ambitu ta' l-azzjoni Komunitarja sabiex tistabbilixxi linji gwida għal *networks* trans-Ewropej ta' l-enerġija. Hija tistabbilixxi serje ta' linji gwida li jkopru l-għanijiet, il-prijoritajiet u l-linji ġenerali ta' azzjoni mill-Komunità fir-rigward ta' *networks* trans-Ewropej ta' l-enerġija. Dawn il-linji gwida jidentifikaw proġetti ta' interess komuni ***u*** proġetti prijoritarji, inklużi dawk ***ta' interess Ewropew,*** fost *networks* trans-Ewropej ta' l-elettriku u tal-gass.

[1] ĠU L 161, 29.6.1996, p. 154.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika:

(1) fir-rigward ta' *networks* ta' l-elettriku, għal:

(a) linji kollha ta' vultaġġ għoli, minbarra dawk ta' n-*networks* ta' distribuzzjoni, u għall-konnessjonijiet ta' taħt il-baħar, bil-kundizzjoni li din l-infrastruttura tkun użata għal trażmissjoni jew konnessjoni inter-reġjonali jew internazzjonali;

(b) kull tagħmir jew installazzjoni meħtieġa sabiex is-sistema konċernata tkun tista' topera b'mod tajjeb, inklużi s-sistemi ta' protezzjoni, monitoraġġ u kontroll;

(2) fir-rigward ta' *networks* tal-gass (trasport ta' gass naturali jew ta' gassijiet olefin), għal:

(a) *pipelines* bi pressjoni għolja ta' gass, minbarra dawk tan-*networks* ta' distribuzzjoni, li jagħmluha possibbli li reġjuni tal-Komunità jkunu fornuti minn sorsi interni jew esterni;

(b) impjanti ta' ħażna taħt l-art konnessi mal-*pipelines* bi pressjoni għolja ta' gass imsemmija hawn fuq;

(ċ) impjanti ta' riċeviment, ta' ħażna u ta' rigassifikazzjoni għall-gass naturali fi stat likwidu (LNG) u wkoll għat-trasportaturi ta' l-LNG skond l-ammonti li jkollhom jiġu fornuti;

(d) kull tagħmir jew installazzjoni meħtieġa sabiex is-sistema in kwistjoni topera b'mod tajjeb, inklużi s-sistemi ta' protezzjoni, monitoraġġ u kontroll.

Artikolu 3

Għanijiet

Il-Komunità għandha tippromwovi l-interkonnessjoni, l-interoperabbiltà u l-iżvilupp ta' *networks* trans-Ewropej ta' l-enerġija kif ukoll l-aċċess għal tali *networks* skond il-liġi Komunitarja fis-seħħ, bil-għan li:

(a) tinkoraġġixxi l-funzjonament effettiv u l-iżvilupp tas-suq intern b'mod ġenerali u tas-suq intern ta' l-enerġija b'mod partikolari, filwaqt li tinkoraġġixxi l-produzzjoni, it-trasportazzjoni, id-distrubuzzjoni u l-użu tar-riżorsi ta' l-enerġija b'mod razzjonali u l-iżvilupp u l-konnessjoni ta' riżorsi ta' enerġija rinnovabbli, sabiex titnaqqas l-ispiża ta' l-enerġija għall-konsumatur u jsir kontribut għad-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' l-enerġija;

(b) tiffaċilita l-iżvilupp u tnaqqas l-iżolament ta' reġjuni żvantaġġati u ta' reġjuni ta' gżejjer tal-Komunità, u b'hekk issaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali;

(ċ) issaħħaħ is-sigurtà tal-provvisti ta' enerġija, per eżempju billi ssaħħaħ ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi fis-settur ta' l-enerġija fl-interess reċiproku tal-partijiet kollha konċernati, b'mod partikulari fil-qafas tat-Trattat tal-Karta dwar l-Enerġija u ta' ftehimiet ta' koperazzjoni konklużi mill-Komunità;

(d) tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli u għall-protezzjoni ta' l-ambjent, *inter alia* billi tinvolvi s-sorsi rinnovabbli ta' l-enerġija u billi tnaqqas r-riskji ambjentali marbuta mat-trasportazzjoni u t-trażmissjoni ta' enerġija.

Artikolu 4

Prijoritajiet għall-azzjoni

Il-prijoritajiet għal azzjoni mill-Komunità fil-qasam tan-*networks* trans-Ewropej ta' l-enerġija għandhom ikunu kompatibbli ma' l-iżvilupp sostenibbli u għandhom ikunu kif ġej:

1) kemm għan-*network* ta' l-elettriku kif ukoll għan-*network* tal-gass:

(a) tadatta u tiżviluppa n-*networks* ta' l-enerġija bħala appoġġ għall-funzjonament tas-suq intern ta' l-enerġija u, b'mod partikolari, fis-soluzzjoni ta' problemi ta' imblukkar, b'mod speċjali dak trans-konfinali, ta' konġestjoni u ta' nuqqas ta' konnessjonijiet, u fil-kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet li jirriżultaw mill-funzjonament tas-suq intern għall-elettriku u għall-gass naturali u mit-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) tistabbilixxi *networks* ta' l-enerġija f'reġjuni ta' gżejjer, iżolati, periferiċi u ultraperiferiċi, filwaqt li tħeġġeġ id-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' enerġija u l-użu ta' sorsi rinnovabbli ta' l-enerġija, flimkien mal-konnessjoni ta' dawk in-*networks*, fejn meħtieġ;

(2) għan-*networks* ta' l-elettriku:

(a) tadatta u tiżviluppa *networks* sabiex jiffaċilitaw l-integrazzjoni u l-konnessjoni tal-produzzjoni ta' l-enerġija rinnovabbli;

(b) tiżgura l-interoperabbiltà ta' *networks* ta' l-elettriku fi ħdan il-Komunità, u flimkien ma' dawk tal-pajjiżi aderenti u tal-pajjiżi kandidati, u f'pajjiżi oħra fl-Ewropa u fil-baċiri tal-baħar Mediterranju u tal-Baħar l-Iswed;

(3) għan-*networks* tal-gass:

(a) tiżviluppa *networks* ta' gass naturali sabiex ilaħħqu mal-ħtiġijiet ta' konsum ta' gass naturali fil-Komunità u sabiex jikkontrollaw is-sistemi tal-provvista tal-gass naturali tagħha;

(b) tiżgura l-interoperabbiltà ta' *networks* ta' gass naturali fi ħdan il-Komunità u ma' dawk tal-pajjiżi aderenti u tal-pajjiżi kandidati u pajjiżi oħra fl-Ewropa, fil-baċiri tal-Baħar Mediterran, tal-Baħar l-Iswed u tal-Baħar Kaspju, kif ukoll fir-reġjuni tal-Lvant Nofsani u tal-Golf, u d-diversifikazzjoni ta' sorsi ta' gass naturali u tar-rotot tal-provvista.

Artikolu 5

Linji ta' azzjoni

Il-linji ġenerali ta' azzjoni mill-Komunità fir-rigward tan-*networks* trans-Ewropej ta' l-enerġija għandhom ikunu:

(a) l-identifikazzjoni ta' proġetti b'interess komuni ***u ta'*** proġetti prijoritarji***, inkluži dawk ta' interess Ewropew;***

(b) il-ħolqien ta' kuntest aktar favorevoli għall-iżvilupp ta' dawk in-*networks*.

Artikolu 6

Proġetti ta' interess komuni

1. Il-kriterji ġeneriċi li għandhom ikunu applikati meta tittieħed deċiżjoni dwar l-identifikazzjoni, il-modifika, jew l-ispeċifikazzjonijiet jew applikazzjonijiet għall-aġġornament ta' proġetti ta' interess komuni għandhom ikunu dawn li ġejjin:

   (a) il-proġett ikun jinsab fl-ambitu ta' l-Artikolu 2;

   (b) il-proġett ikun jissodisfa l-għanijiet u l-prijoritajiet għall-azzjoni stipulati fl-Artikoli 3 u 4 rispettivament;

   (ċ) il-proġett ikun juri potenzjal ta' vijabbiltà ekonomika.

L-istima tal-vijabbiltà ekonomika għandha tkun ibbażata fuq analiżi spejjeż-benefiċċji li tqis l-ispejjeż u l-benefiċċji kollha, inklużi dawk li jirriżultaw fuq perjodu ta' żmien medju u/jew twil, b'konnessjoni ma' aspetti ambjentali, mas-sigurtà tal-provvista u mal-kontribut li jsir għal koeżjoni ekonomika u soċjali. Il-proġetti ta' interess komuni marbuta mat-territorju ta' Stat Membru għandhom jeħtieġu l-approvazzjoni ta' l-Istat Membru konċernat.

2. Fl-Anness II hemm disposti kriterji addizzjonali għall-identifikazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni. Kwalunkwe bidla fil-kriterji addizzjonali għall-identifikazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni stipulati fl-Anness II għandha tkun deċiża skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat.

3. Dawk il-proġetti elenkati fl-Anness III li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 u dawk stipulati fl-Anness II biss għandhom ikunu eliġibbli għall-għajnuna finanzjarja mill-Komunità taħt ir-Regolament (KE) Nru 2236/95.

4. L-ispeċifikazzjonijiet indikattivi tal-proġett, inkluża d-deskrizzjoni dettaljata tal-proġetti u, fejn xieraq, id-deskrizzjoni ġeografika, huma stipulati fl-Anness III. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet għandhom ikunu aġġornati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(2). L-aġġornamenti għandhom ikunu ta' natura teknika u għandhom ikunu limitati fil-każ ta' tibdiliet tekniċi ta' proġetti, jew fil-każ ta' modifika ta' parti mir-rotta speċifikata, jew fil-każ ta' adattament limitat tal-lok tal-proġett.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu kwalunkwe miżura li jikkunsidraw li tkun meħtieġa sabiex jiffaċilitaw u jħaffu t-tlestija ta' proġetti ta' interess komuni u sabiex inaqqsu d-dewmien, filwaqt li jikkonformaw mal-liġi Komunitarja u ma' konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-ambjent ***speċjalment fir-rigward ta' proġetti dikjarati bħala proġetti ta' interess Ewropew.*** B'mod partikolari, il-proċeduri neċessarji għall-awtorizzazzjoni għandhom jitlestew malajr.

6. Fejn partijiet mill-proġetti ta' interess komuni jinsabu fi ħdan it-territorju ta' pajjiżi terzi, il-Kummissjoni tista', wara li jkun intlaħaq ftehim ma' l-Istati Membri konċernati, tressaq proposti, fejn xieraq fil-qafas tal-ġestjoni tal-ftehim bejn il-Komunità u dawk il-pajjiżi terzi u skond it-Trattat tal-Karta dwar l-Enerġija u ta' ftehim multilaterali oħra ma' pajjiżi terzi li jkunu partijiet għat-Trattat, għall-proġetti li għandhom ukoll ikunu rikonoxxuti bħala proġetti ta' interess reċiproku mill-pajjiżi terzi konċernati, sabiex tkun faċilitata l-implementazzjoni tagħhom.

Artikolu 7

Proġetti prijoritarji

1. Il-proġetti ta' interess komuni imsemmija fl-Artikolu 6(3) u koperti mill-assi għall-proġetti prijoritarji esposti fl-Anness I għandhom ikollhom prijorità għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja mill-Komunità taħt ir-Regolament (KE) Nru 2236/95. L-emendi fl-Anness I għandhom jiġu deċiżi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat.

2. Fir-rigward ta' proġetti ta' investiment trans-konfinali, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw li, fil-kuntest tal-proċeduri nazzjonali ta' awtorizzazzjoni, il-fatt li proġetti bħal dawn iżidu l-kapaċità għall-interkonnessjoni ta' żewġ Stati Membri jew aktar u konsegwentement isaħħu s-sigurtà tal-provvista fl-Ewropa kollha jitqies bħala kriterju fl-istima ta' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

3. L-Istati Membri konċernati u l-Kummissjoni għandhom jagħmlu ħilithom, kull wieħed fl-isfera ta' kompetenza tiegħu, flimkien mal-kumpanniji responsabbli, sabiex ikomplu t-twettiq ta' proġetti prijoritarji, b'mod speċjali proġetti trans-konfinali.

4. Il-proġetti prijoritarji għandhom ikunu kompatibbli ma' l-iżvilupp sostenibbli u għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

(a) għandhom ikollhom impatt sinifikattiv fuq il-funzjonament kompettittiv tas-suq intern; u/jew

(b) għandhom isaħħu s-sigurtà tal-provvista fil-Komunità; u/jew

(ċ) għandhom jirriżultaw f'żieda fl-użu ta' enerġiji rinnovabbli.

Artikolu 8

Proġetti ta' Interess Ewropew

1. ***Numru ta' proġetti fuq l-assi*** ħall-proġetti ***prijoritarji msemmija fl-Artikolu 7 li jkollhom dimensjoni trans-konfinali jew li jkollhom impatt sinifikattiv fuq il-kapaċità ta' trażmissjoni trans-konfinali jiġu dikjarati bħala proġetti ta' Interess Ewropew. Dawk il-proġetti huma stipulati fl-Anness I.***

2. ***Meta l-proġetti jkunu magħżula fl-ambitu tal-baġit għal networks trans-Ewropej, skond l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 2236/95, għandha tingħata prijorità xierqa lil proġetti dikjarati bħala proġetti ta' Interess Ewropew.***

3. ***Meta proġetti jkunu magħżula taħt fondi Komunitarji ta' kofinanzjament, għandha tingħata attenzjoni partikulari lil proġetti dikjarati bħala proġetti ta' Interess Ewropew.***

4. ***Fil-każ ta' dewmien sinifikattiv attwali jew prospettiv fil-progress ta' proġett dikjarat bħala proġett ta' interess Ewropew, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri konċernati*** sabiex***, fi żmien tliet xhur, jagħtu r-raġunijiet għal dan id-dewmien.***

Għal proġetti li jiġu dikjarati bħala proġetti ta' interess Ewropew li għalihom ikun ġie maħtur koordinatur Ewropew, il-koordinatur Ewropew għandu jinkludi r-raġunijiet għad-dewmien fir-rapport tiegħu.

5. ***Ħames snin wara t-tlestija ta' proġett dikjarat bħala proġett ta' interess Ewropew jew ta' waħda mit-taqsimiet tiegħu, il-Kummissjoni, megħjuna mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 14(1), għandha tagħmel valutazzjoni ta' dak il-proġett li tinkludi l-impatt soċjo-ekonomiku tiegħu, l-impatt fuq l-ambjent, l-impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u l-impatt fuq il-koeżjoni territorjali u l-iżvilupp sostenibbli. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 14(1) bir-riżultat ta' dik il-valutazzjoni.***

6. ***Għal kull proġett dikjarat bħala proġett ta' interess Ewropew, u b'mod partikulari għat-taqsimiet*** *trans-konf**inali** tiegħu, l-Istati Membri konċernati għandhom jieħdu l-passi xierqa* *sa**biex** jiġi żgurat li:***

– ***jsir skambju regolari ta' l-inforamzzjoni relevanti; u***

– ***jiġu organizzati laqgħat konġunti ta' koordinazzjoni skond kif ikun xieraq.***

Il-laqgħat konġunti ta' koordinazzjoni għandhom jiġu organizzati kif meħtieġ fl-isfond tal-ħtiġijiet partikulari tal-proġett, bħall-fażi ta' l-iżvilupp tal-proġett, u d-diffikultajiet antiċipati jew riskontrati. Il-laqgħat konġunti ta' koordinazzjoni għandhom jindirizzaw b'mod partikulari l-proċeduri ta' valutazzjoni u ta' konsultazzjoni pubblika. L-Istati Membri konċernati għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni tkun infurmata dwar il-laqgħat konġunti ta' koordinazzjoni u dwar l-iskambju ta' informazzjoni.

Artikolu 9

L-implementazzjoni ta' proġetti ta' interess Ewropew

1. Il-proġetti li jiġu dikjarati bħala proġetti ta' interess Ewropew għandhom jiġu implementati malajr.

Mhux aktar tard minn...[*]*, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, billi jużaw bħala bażi abbozz ta' skeda ta' żmien provduta għal dak il-għan mill-Kummissjoni, skeda aġġornata u indikattiva ta' żmien għat-tlestija ta' dawk il-proġetti inklużi, sa fejn ikunu disponibbli, dettalji dwar:*

(a) kif il-proġett ikun previst li jgħaddi mill-proċess ta' approvazzjoni ta' l-ippjanar;

(b) l-iskeda ta' żmien tal-fażi tal-fattibbiltà u ta' tfassil;

(ċ) il-bini tal-proġett; u

(d) id-dħul fis-servizz tal-proġett.

2. Il-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 14(1), għandha tippreżenta rapport kull sentejn dwar il-progress tal-proġetti msemmija fil-paragrafu 1.
Għal proġetti li jiġu dikjarati bħala proġetti ta' interess Ewropew li għalihom ikun ġie maħtur koordinatur Ewropew, ir-rapporti annwali preżentati mill-koordinatur Ewropew għandhom jissostitwixxu dawn il-rapporti bijennali.

---

[*] *Sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.*

Artikolu 10

Koordinatur Ewropew

1. ***Meta proġett dikjarat bħala proġett ta' interess Ewropew jiltaqa' ma' dewmien sinifikattiv jew diffikultajiet ta' implementazzjoni, anke f'sitwazzjonijiet li jinvolvu pajjiżi terzi, il-Kummissjoni tista', bi qbil ma' l-Istati Membri konċernati u wara li tkun ikkonsultat lill-Parlament Ewropew, taħtar koordinatur Ewropew. Fejn ikun neċessarju, l-Istati Membri jistgħu ukoll jitolbu li l-Kummissjoni taħtar koordinatur Ewropew għal proġetti oħra fir-rigward tan-networks trans-Ewropej ta' l-Enerġija.***

2. ***Il-koordinatur Ewropew għandu jintgħażel, b'mod partikolari, fuq il-bażi ta' l-esperjenza tiegħu ta' l-istituzzjonijiet Ewropej u tal-konoxxenza tiegħu ta' kwistjonijiet relatati mal-politika ta' l-enerġija u mal-finanzjament u l-***valutazzjoni ***soċjo-ekonomika u ambjentali ta' proġetti maġġuri.***

3. ***Id-deċiżjoni tal-ħatra ta' koordinatur Ewropew għandha tispeċifika l-mod kif il-Koordinatur għandu jwettaq il-kompiti tiegħu.***

4. ***Il-koordinatur Ewropew għandu:***

(a) ***jippromwovi d-dimensjoni Ewropea tal-proġett, kif ukoll id-djalogu trans-konfinali bejn il-promoturi tal-proġett u l-persuni konċernati;***

(b) ***jagħti kontribut għall-koordinazzjoni tal-proċeduri nazzjonali sabiex jiġu konsultati l-persuni konċernati; u***

(ċ) ***jippreżenta rapport kull sena lill-Kummissjoni dwar il-progress tal-proġett jew proġetti li għalihom ikun ġie maħtur bħala koordinatur Ewropew, u dwar kwalunkwe diffikultajiet u ostakli li aktarx iwasslu għal dewmien*** sinifikattiv***. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dan ir-rapport lill-Istati Membri konċernati.***

5. ***L-Istati Membri konċernati għandhom jikkoperaw mal-koordinatur Ewropew fl-eżekuzzjoni tiegħu tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 4.***

6. ***Il-Kummissjoni tista' titlob l-opinjoni tal-koordinatur Ewropew meta teżamina l-applikazzjonijiet għall-finanzjament Komunitarju għal proġetti jew gruppi ta' proġetti li għalihom kien maħtur.***

7. ***Biex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn, il-livell ta' koordinazzjoni għandu jkun proporzjonat ma' l-ispejjeż tal-proġett.***

Artikolu 11

Kuntest aktar favorevoli

1. Sabiex tikkontribwixxi lejn il-ħolqien ta' kuntest aktar favorevoli għall-iżvilupp ta' *networks* trans-Ewropej ta' l-enerġija u ta' l-interoperabbiltà tagħhom, il-Komunità għandha tqis l-isforzi ta' l-Istati Membri magħmulin skond dak il-għan, għandha tagħti l-akbar importanza lil, u tippromwovi kif meħtieġ, il-miżuri li ġejjin:

   (a) koperazzjoni teknika bejn l-entitajiet responsabbli min-*networks* trans-Ewropej ta' l-enerġija, b'mod partikolari għall-funzjonament tajjeb tal-konnessjonijiet imsemmija fil-punti 1, 2 u 7 ta' l-Anness II;

   (b) faċilitazzjoni ta' l-implementazzjoni tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għal proġetti relatati ma' *networks* trans-Ewropej ta' l-enerġija sabiex jitnaqqas id-dewmien, ***speċjalment fir-rigward ta' proġetti dikjarati bħala proġetti ta' interess Ewropew***;

   (ċ) l-għoti ta' assistenza lil proġetti ta' interess komuni mill-Fondi tal-Komunità, mill-istrumenti u mill-programmi finanzjarji applikabbli għal dawk in-*networks*.

2. Il-Kummissjoni għandha, f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri konċernati, tieħu l-inizjattivi kollha sabiex tippromwovi l-koordinament ta' l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' l-attivitajiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 għandhom jiġu deċiżi mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(2).

Artikolu 12

Effetti fuq il-kompetizzjoni

Meta jkunu meqjusa proġetti, għandhom jitqiesu l-effetti tagħhom fuq il-kompetizzjoni u fuq is-sigurtà tal-provvista. Il-finanzjament privat jew il-finanzjament mill-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu s-sorsi ewlenija ta' finanzjament u għandhom ikunu imħeġġa. Għandha tkun evitata kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi fis-suq, konformement mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat.

Artikolu 13

Restrizzjonijiet

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mingħajr preġudizzju għall-impenji finanzjarji assunti minn Stat Membru jew mill-Komunità.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mingħajr preġudizzju għar-riżultati ta' l-istima ta' l-impatt ambjentali tal-proġetti, tal-pjanijiet jew tal-programmi li jiddefinixxu l-qafas futur ta' awtorizzazzjonijiet għal tali proġetti. Ir-riżultati ta' l-istimi ta' l-impatt ambjentali, fejn tali stima tintalab skond il-leġislazzjoni Komunitarja relevanti, għandhom ikunu meqjusa qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar it-twettiq tal-proġetti skond il-leġislazzjoni Komunitarja relevanti.

Artikolu 14

Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

   Il-perjodu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Artikolu 15

Rapport

Kull sentejn il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar l-implementazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, li għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

F'dak ir-rapport, għandha tingħata attenzjoni lill-implementazzjoni u lill-progress magħmula fit-twettiq ta' proġetti prijoritarji li jikkonċernaw il-konnessjonijiet trans-konfinali kif imsemmi fil-punti 2, 4 u 7 ta' l-Anness II, kif ukoll l-arranġamenti dettaljati għall-finanzjament tagħhom, b'mod speċjali lill-kontribuzzjoni mill-fondi Komunitarji.

Artikolu 16

Tħassir

Id-Deċiżjoni Nru 96/391/KE u d-Deċiżjoni Nru 1229/2003/KE huma b'dan imħassra.

Artikolu 17

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 18

Indirizzati

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew	Għall-Kunsill
Il-President	Il-President

ANNESS I

NETWORKS TRANS-EWROPEJ TA' L-ENERĠIJA

Assi ġħall-proġetti prijoritarji, ***inklużi s-siti ta' proġetti ta' interess Ewropew,*** kif definiti fl-***Artikoli 7 u 8***

Il-proġetti prijoritarji***, inklużi proġetti ta' interess Ewropew, li għandhom jitwettqu fuq kull*** assi ġħall-proġetti prijoritarji***, huma elenkati hawn taħt.***

NETWORKS TA' L-ELETTRIKU

EL.1. Franza – il-Belġju – l-Olanda – il-Ġermanja:

tisħiħ fin-*network* ta' l-elettriku sabiex tiġi riżolta konġestjoni fiċ-ċirkolazzjoni ta' l-elettriku mill-pajjiżi tal-Benelux.

Inklużi l-proġetti ta' interess Ewropew li ġejjin:

Linja Avelin (FR) – Avelgem (BE)

Linja Moulaine (FR) – Aubange (BE)

EL.2. Fruntieri ta' l-Italja ma' Franza, l-Awstrija, l-Islovenja u l-Isvizzera:

tiżjid tal-kapaċitajiet ta' interkonnessjoni ta' l-elettriku

Inklużi l-proġetti ta' interess Ewropew li ġejjin:

Linja Lienz (AT) – Cordignano (IT)

Interkkonnessjoni ġdida bejn l-Italja u l-Islovenja

Linja Udine Ovest (IT) – Okroglo (SI)

Linja S. Fiorano (IT) – Nave (IT) – Gorlago (IT)

Linja Venezia Nord (IT) – Cordignano (IT)

Linja St. Peter (AT) – Tauern (AT)

Linja Südburgenland (AT) – Kainachtal (AT)

Interkonnessjoni bejn l-Awstrija u l-Italja (Thaur-Brixen) li tgħaddi mill-mina tal-ferrovija ta' Brenner

EL.3. Franza – Spanja – il-Portugall:

tiżjid fil-kapaċitajiet ta' interkonnessjoni ta' l-elettriku bejn dawn il-pajjiżi u għall-peniżola Iberika u żvilupp ta' *networks* f'reġjuni ta' gżejjer.

Inklużi l-proġetti ta' interess Ewropew li ġejjin:

Linja Sentmenat (ES) – Becanó (ES) – Baixas (FR)

Linja Valdigem (PT) – Douro Internacional (PT) – Aldeadávila (ES) u l-impjanti ta' "Douro Internacional"

EL.4. Il-Greċja - il-pajjiżi tal-Balkani – is-Sistema UCTE:

żvilupp ta'infrastruttura ta' l-elettriku sabiex tgħaqqad il-Greċja mas-sistema UCTE u sabiex tippermetti l-iżvilupp tas-suq fl-elettriku fl-Ewropa tan-Nofsinhar-Lvant

Inkluż il-proġett ta' interess Ewropew li ġej:

Linja Philippi (EL) – Hamidabad (TR)

EL.5. Ir-Renju Unit – l-Ewropa Kontinentali u l-Ewropa tat-Tramuntana:

stabbiliment/tiżjid fil-kapaċitajiet ta' interkonnessjoni ta' l-elettriku u l-integrazzjoni possibli ta' enerġija ġenerata mir-riħ f'impjanti fuq il-baħar.

Inkluż il-proġett ta' interess Ewropew li ġej:

Kejbil taħt il-baħar sabiex jgħaqqad l-Ingilterra (UK) u l-Olanda

EL.6. L-Irlanda – ir-Renju Unit:

tiżjid fil-kapaċitajiet ta' interkonnessjoni ta' l-elettriku u l-integrazzjoni possibli ta' enerġija ġenerata mir-riħ f'impjanti fuq il-baħar.

Inkluż il-proġett ta' interess Ewropew li ġej:

Kejbil taħt il-baħar sabiex jgħaqqad l-Irlanda u Wales (UK)

EL.7. Id-Danimarka – il-Ġermanja – Ċirkwit tal-Baltiku (inklużi n-Norveġja – l-Isvezja - il-Finlandja – id-Danimarka – il-Ġermanja – il-Polonja – l-Istati Baltiċi – ir-Russja):

tiżjid fil-kapaċitajiet ta' interkonnessjoni ta' l-elettriku u l-integrazzjoni possibli ta' enerġija ġenerata mir-riħ f'impjanti fuq il-baħar.

Inklużi l-proġetti ta' interess Ewropew li ġejjin:

Linja Kasso (DK) – Hamburg/Dollern (DE)

Linja Hamburg/Krümmel (DE) – Schwerin (DE)

Linja Kasso (DK) – Revsing (DK) - Tjele (DK)

Linja Vester Hassing (DK) – Trige (DK)

Kejbil taħt l-ilma Skagerrak 4: bejn id-Danimarka u n-Norveġja

Konnessjoni bejn il-Polonja u l-Litwanja, inkluż it-tisħiħ neċessarju tan-*network* ta' l-elettriku Pollakk u tal-profil Pollakk-Ġermaniż sabiex tiġi aġevolata l-parteċipazzjoni fis-suq intern ta' l-enerġija

Kejbil taħt il-baħar bejn il-Finlandja u l-Estonja (Estlink)

Kejbil Fennoscan taħt il-baħar bejn il-Finlandja u l-Isvezja

Halle/Saale (DE) – Schweinfurt (DE)

EL.8. Il-Ġermanja – il-Polonja – ir-Repubblika Ċeka – l-Islovakkja – l-Awstrija – l-Ungerija – l-Islovenja:

tiżjid fil-kapaċitajiet ta' interkonnessjoni ta' l-elettriku

Inkluži l-proġetti ta' interess Ewropew li ġejjin:

Linja Neuenhagen (DE) – Vierraden (DE) – Krajnik (PL)

Linja Dürnrohr (AT) – Slavětice (CZ)

Interkonnessjoni ġdida bejn il-Ġermanja u l-Polonja

Linja Veľké Kapušany (SK) – Lemešany (SK) – Moldava (SK) – Sajóivánka (HU),

Linja Gabčíkovo (SK) – Vel'ký Ďur (SK)

Linja Stupava (SK) – l-parti fin-nofsinhar-lvant ta' Vienna (AT)

EL.9. Stati Membri tal-Mediterran – Ċirku ta' l-Elettriku tal-Mediterran

tiżjid fil-kapaċitajiet ta' interkonnessjoni ta' l-elettriku bejn l-Istati Membri tal-Mediterran u l-Marokk – l-Alġerija – it-Tuneżija – il-Libja – l-Eġittu - il-pajjiżi tal-Lvant Qarib – it-Turkija.

Inkluż il-proġett ta' interess Ewropew li ġej:

Konnessjoni ta' l-elettriku sabiex tgħaqqad it-Tuneżija u l-Italja

NETWORKS TAL-GASS

NG.1. ir-Renju Unit - l-Ewropa Kontinentali tat-Tramuntana, inklużi l-Olanda, il-Belġju, id-Danimarka, l-Isvezja u l-Ġermanja – il-Polonja – il-Litwanja – il-Latvja – l-Estonja – il-Finlandja – ir-Russja:

Pipelines ta' gass sabiex jgħaqqdu uħud mis-sorsi prinċipali tal-fornitura ta' gass fl-Ewropa, sabiex itejbu l-interoperabbiltà tan-*networks*, u tiżjid tas-sigurtà tal-provvista, inklużi l-*pipelines* ta' gass naturali permezz tar-rotta minn fuq il-baħar mir-Russja għall-UE u r-rotta fuq l-art mir-Russja għall-Polonja u l-Ġermanja, bini ta' *pipeline* ġdid, u żidiet fil-kapaċità tan-*network* ġo u bejn il-Ġermanja, id-Danimarka, u l-Isvezja, u ġewwa u bejn il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, l-Islovakkja, il-Ġermanja, u l-Awstrija.

Inklużi l-proġetti ta' interess Ewropew li ġejjin:

Pipeline tal-gass fit-Tramuntana ta' l-Ewropa

Pipeline tal-gass Yamal – Ewropa

Pipeline ta' gass naturali li jgħaqqad id-Danimarka, l-Ġermanja u l-Isvezja

Tiżjid fil-kapaċità ta' trażmissjoni fuq l-assi bejn il-Ġermanja – il-Belġju – ir-Renju Unit

NG.2. l-Alġerija – Spanja – l-Italja - Franza – l-Ewropa Kontinentali tat-Tramuntana:

